# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Athenæum Melitense

MIN GHAL ARTU HADEM SA L-AHHAR NIFS TA' HAJTU
TIFHIR U ĠIEH GHAL DEJJEM HAQQU

The Royal University of Malta

**Il-Ħames Sena    Nov.-Diċembru 1935    Għadd 57-58**

**2d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**NOV. u DIC. 1935 ]** **IL-ĦAMES SENA** **[ Għadd 57 u 58**



**Sir TEMI ZAMMIT**

**Kt., C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon)**

1864—1935

PROFESSUR FL-UNIVERSITÀ 1905—1920

RETTUR TA' L-UNIVERSITÀ 1920—1926

DIRETTUR TAL-MUZEW 1922—1935

MA MIETX

U MA JMUT QATT

MIN FIX-XOGĦOL ĦALLA .

QALBU U RUĦU WARAJH.

IGĦIX GĦADU FIL-MUŻEW TEMI

IGĦIX GĦADU F'ĦAL SAFLIENI

IGĦIX FIL-KITBA MALTIJA

IGĦIX F'QALB KULL MIN JAFU

U JIBQA' JGĦIX

SAKEMM IDDUM TGĦIX MALTA

P.P. S.

3—xi—35

# LIL TEMI ZAMMIT

## *LI MIET FIT-2 TA' NOVEMBRU 1935*

### TIFKIRA U TISLIMA

Il-mewt tal-għaref, li ma jżommx għerfu moħbi u anqas ma jurih biex jitkabbar bih, imma jħaddmu kollu għall-ġid u għall-ġieh ta' artu, tħalli warajha ħasra u faraġ, ħasra iebsa għat-telfa tiegħu u faraġ ħelu għall-ġid li għamel lil artu. Il-għaref ħaddiem ma jmut qatt għal kollox, għax jekk tintefa l-ħajja tal-ġisem, tibqa' tixgħel u tħeġġeġ il-ħajja tal-ħedma tiegħu, ta' dik il-ħedma li minn ruħu tnisslet u ssawwret.

Ħasra mtoffija bil-faraġ ħalliet fostna l-mewt ta' Sir Temi Zammit. Bniedem mogħni b'dehen kbir u rqiq li jħaddan mhux biss il-ftit li jidher quddiemna, imma li jiġri aktar fil-bogħod il-bogħod u jinfed l-eħxen dlamijiet u jikxef l-eqdem ġrajja tal-ħajja tal-bniedem, iqabbilhom, iqassamhom, igħaqqadhom u jibnihom f'ħajja mitlufa u minsija, imma li għexuha misserijietna l-eluf ta' snin ilu, Temi Zammit ried jagħti u ta ħajtu kollha, ħiltu kollha, dehnu kollu għal Malta. Imħabbeb ma' għorrief barranin seta', bħal ma għamel xi ħadd ieħor, jitfa' fuq artijiet oħra għerfu, u ħaddem għerfu f'tagħrif u tikxif fuq artijiet barranin. Imma l-ewwel Malta; għal Temi Malta fuq kollox u fuq kullħadd. Min ma jarax id-dawl li tefa' Temi fuq l-istorja ta' Malta? Jekk illum niftaħru li Malta ilha mgħammra bin-nies eluf ta' snin qabel Kristu, lilu nafuh, li għalhekk jixraqlu u jistħoqqlu l-isem ta' «missier il-*preistorja* Maltija».

Imma Temi Zammit ma żammx għerfu għalih. F'kotra ta' kitba, issa f'għamla ta' ktieb, issa f'għamla ta' artikoli

f'rivisti barranin, Temi wera lid-dinja xinhi Malta, x'kienet il-ħajja tagħha u l-bidu tal-ħajja tagħha u meta bdiet il-ħajja tagħha; wera x'hemm maħżun ġo fiha, taħt l-art, u kemm tista' titfa' dawl l-istorja bikrija ta' Malta fuq l-istorja tal-artijiet ta' madwarha. U l-kitba ta' Temi għaqlija u mdawwla ġibdet għajnejn l-għorrief fuq Malta; u Malta rtefgħet u għoliet fil-għożża tad-dinja.

Mhux fil-kitba biss dehret il-ħedma ta' Temi Zammit. Biex Malta l-qadima tkun dejjem quddiemna b'ruħha u ġisimha Temi ġema' l-fdalijiet kollha li seta' tal-ewwel żmenijiet u taż-żmenijiet imwaħħrin ukoll, qassamhom bħala xhieda ta' ħajja mgħoddija. Il-Mużew! Hemm nafuh 'il Temi, hemm konna narawh; imma ftit, naħseb, jafu li kien hu li fetħu u rawwmu fl-ewwel dar tiegħu quddiem San Ġwann. Kienet is-sena 1901. Is-sultan tagħna, Ġorġ Ħamsa, li kien għadu Duka, kif kien idur is-saltna ingliża, għadda minn Malta. Saret wirja ta' fdalijiet u xogħlijiet qodma. Ingħoġbot u tfaħħret; u l-Gvernatur ta'dak iż-żmien, Grenfell, ried li jitwaqqaf Mużew u ħalla fi ħsieb Temi Zammit ix-xogħol. Minn dak iż-żmien il-Mużew kien il-ħajja tiegħu. Kull ma naraw illum il-Mużew: fuħħar, żġieġ, għadam, ħaġar minqux; kollox hu ġema', kollox hu qiegħed fiż-żġieġ b'dehen ta' għaref u bi mħabba ta' qalb mixgħula. U, barra mill-Mużew, f'Ħal Saflieni, fil-Villa Rumana tar-Rabat, fil-Villa ta' Għajn Tuffieħa, f'Malta u Għawdex kollha ma hawnx ħaġra waħda taż-żmenijiet qodma li ma ħassetx il-ħarsa ħelwa u l-id ħanina ta' Temi Zammit.

Ħeġġa bħal din għall-istorja qadima ta' Malta ma setgħetx titnissel ħlief f'qalb li tħobb 'il Malta. U din l-imħabba lejn Malta nfexxet f'ħedma oħra: il-kitba tal-Malti. Temi kien wieħed minn dawk il-Maltin kbar, bħal Pawlu Bellanti u Napuljun Tagliaferro, li fil-kobor ta'

ġieħhom u ta' għerfhom ma jinsew qatt il-kotra tal-ħaddiema, il-kotra nieqsa mit-tagħlim, il-kotra li ma tafx ħlief ilsien wieħed. U għal din il-kotra kbira Temi kiteb kotba ta' tagħlim fuq il-Ħolqien u fuq il-Ġrajja ta' artna; kiteb ħrejjef biex igħallem u jdaħħak, u kiteb b'sengħa, bi ġmiel u bi ħlewwa li ftit bħalu.

Temi Zammit kien il-ħabib ta' kullħadd. Iwissi, iwiddeb, iħajjar, iħeġġeġ dejjem b'qalb safja u dejjem għall-ġid. Tħabat magħna biex il-Malti jintrefa', u kull meta fit-taħbit tagħna staqsejnieh il-fehma tiegħu, kelmtu kienet dejjem għalina amar is-sultan. Bi tbissima f'fommu u b'idejh miftuħa kien jilqagħna, kull meta konna mmorru narawh il-Mużew. Ħabbejnieh aħna u ħabbu kullħadd; u llum li ma għadux magħna l-akbar faraġ tagħna hu x-xogħol li ħallielna, għax fih inħossu qalbu tħabbat bħal meta kien għadu magħna.

Lill-għaref, lill-ħabib, lill-missier

tifkira dewwemija

u tislima minn qalb mixgħula minn qalbu.

P.P. Saydon

# FIL-MEWT TA' TEMISTOKLE ZAMMIT

Sol chi non lascia eredità d'affetti
Poca gioia ha dell'urna.
FOSCOLO

Il-mewt mhix mewt meta tal-fehma rżina
Tibqa' s-saħħa madwarna, il-ħajr u l-ħlewwa,
U tixgħel ruħna bil-ġibdiet ħanina,
Ir-ruħ ta' żgħażagħ li ħabbew fis-sewwa.

Le, int ma mittx. Il-ħidma tiegħek fina
Rabbiet għeruq ħoxnin: qatt ma' l-egħdewwa
Ma nibżgħu ntaħħru dehnek: int għalina
Tifkira ta' ġieħ kbir, ħabib ta' ġewwa.

Għax int ħabbejt, ħabbejt l-Ilsien u 'l Malta:
Fil-qiegħ taż-Żmien ħaffirt, u tajtna xhieda
Tad-Dîn qadim u n-nar li x'għelu. Malta

Tqimek tassew. Minn għerfek aħna, ħbiebek,
Uritna ħolm ta' sebħ, qawwa ta' rieda.
Ġo qalbna jiddi, safi, id-dawl ta' ħsiebek.

ĠUŻI CHETCUTI.

# TEMI ZAMMIT

Fil-għodwa tal-Ġurnata tal-Mejtin, it-2 ta' Novembru li għadda Malta kellha fost il-mejtin tagħha tgħodd wieħed mill-kbar ta' wliedha l-għeżież: lil Temi Zammit, li kien għalaq għaj-nejh għal dejjem. Temi, kif in-nies u ħbieb tiegħu kienu iktarx iħobbu jsejħulu, bla ma jiċħdulu l-ġieħ li kien jistħoqqlu, kien, minn xi snin 'l hawn, beda juri li saħħtu kienet maħsusa, u għad li fih kien għad fadal il-ħeġġa tal-moħħ u l-ħrara għal ħidma, b'rasu immejla lejn l-art, taħt it-tagħbija taż-żmien, kont tarah dan l-aħħar għaddej minn daru għax-xogħol b'dik il-mixja mkarkra ta' bniedem li donnu ma jiflaħx jasal biex itemm it-trieq twila ta' dak il-ħsieb li bih ħajtu kellha tgħix bla ma qatt tixjieħ....

Il-kobor ta' Temi Zammit mhux qiegħed f'għerfu daqs kemm fit-tjubija ta' qalbu u d-dehen ta' moħħu, li t-tnejn flim-kien żejnuh, kabbruh u ħolqulu dinja għalih. Id-dawl daħ-kani ta' wiċċu, is-seħer ta' lsienu, il-ħlewwa ta' imġibtu kienu dawk li sa minn żgħożitu fetħulu t-trieq u beqgħu, bil-għajnuna ta' moħħu, jagħżluh minn sħabu u jkabbruh ma' tul il-bqija ta' ħajtu kollha.

It-torbija u t-tagħlim ta' Temi Zammit, sa ma laħaq l-ewwel tarġa tal-għoli li fuqu baqa' tiela', huma l-aqwa mera ta' dawk il-ftit imħuħ illi s-Sema jżejjinhom u jwettaqhom b'dik ir-rieda li fihom tistgħall mid-dehen ta' moħħom u taħkem fuq dik ta' ħadd ieħor li minnhom jagħmlu ħafna ħwejjeġ tad-dinja ċkejkna ta' Malta. Dan huwa Temi Zammit.

Twieled il-Belt, fit-30 ta' Settembru l-1864 minn Spiridione Zammit u Filomena Bologna, fi żminijiet, meta wara nofs seklu sewwa, il-Ħakma Ingliża kienet għadha kif tħejji l-imħuħ taż-żgħażagħ b'sistema ta' tagħlim modern u toftomhom bil-ftit il-ftit mill-klassiċismu qadim ta' l-ilsna latini. Iż-żagħżugħ Temi li, għalkemm f'żgħożitu laħaq iddakkar bit-tagħlim ta' l-iskola l-qadima, u moħħu ntgħaġen bil-ħmira ta' idejjiet u stil ilellxu u jittajru fl-ajru—kif jidher minn xi kitba tiegħu anonima fuq il-folju *"Stenterello"* ta' dak iż-żmien fejn, kif jingħad minn xi ħadd minn sħabu wera wkoll xeħta kbira għat-taqbil Taljan—maż-żmien għaraf ukoll jidħol fir-ruħ taż-żminjiet u jimxi magħhom u, billi kien għażel li jsir tabib, dlonk mingħajr ma ried, infired mill-għalqa tal-ġurnaliżmu letterarju ta' dak iż-żmien u nxteħet għall-istudju xjentifiku ta' fisika, kimika u xjenzi naturali li kienu jaqblu iktar għal xogħlu u għall-ħtiġijiet tal-ħajja.

The Royal University of Malta

Sena wara li twieled Zammit, it-tagħlim fl-Iskejjel tal-Gvern kien nieqes ħafna u ma kienx hawn ħlief il-Liċeo tal-Birgu. Savona madwar l-1878, bħala wieħed mill-Kunsilieri tal-poplu, fetaħ it-trieq għat-tagħlim fl-Iskejjel fuq sistema Ingliża u, wara mbagħad, daħħal il-Malti bħala għajnuna fit-tagħlim ta' ilsna barranin. Il-Gvern Ingliż kien ħa Ċipru u ħajjar in-nies tar-raba' biex tmur tgħix hemmekk, iżda dal-ħsieb ma seħħx u dlonk infetħet trieq oħra fi Queensland, l-Australia, fejn għall-ewwel darba, għalkemm b'daqsxejn ta' tqanżiħ, inbdiet l-emigrazzjoni Maltija.

Fuq ir-rapport ta' Sir Penrose Julian u dak ta' Patrick Joseph Keenan, Savona sar Direttur ta' l-Edukazzjoni bil-ħsieb li dan iwettaq ir-riformi l-ġodda, fosthom it-tagħlim sħiħ ta' l-Ingliż. Dan it-taqlib fit-tagħlim qajjem il-ġlied fil-pulitka tal-pajjiż bejn il-partit hekk imsejjaħ ta' l-Anti-Riformisti u l-Gvern.

Taħt dan it-tibdil fl-edukazzjoni tal-pajjiż, il-moħħ ta' Temi Zammit kien issawwar fuq il-prinċipji taż-żewġ sistemi, il-qadima u l-ġdida, fil-waqt li huwa, bħalma għedna, fettex u għaraf dejjem jagħmel trieqtu b'dehen li wara safa' ta' ġid għalih u għal art twelidu. Sabiex tgħallem ma nistgħux ngħidu li ma batiex xi ftit ukoll. Missieru u ommu ma kinux igħumu fil-ġid. Sa minn ċkunitu trabba dejjem taħt għajnejn ommu billi l-missier kien iktarx dejjem imsiefer. Trabba ftit u xejn fl-għaks, iżda l-omm, li miegħu għarfet bil-ġabra trabbi wkoll żewġt ibniet li l-lum għadhom ħajjin, bit-taħbit u bil-għaqal, kellha l-ħila tħaffiflu t-trieq ta' l-istudji u tibqa' tgħinu sa l-aħħar. Is-Sema ippremjaha! Hi kellha x-xorti li tara 'l binha tiela' tiela' u sa sena u ftit xhur qabel ma miet binha, hi għalqet għajnejha, titgħaxxaq bil-barka u hena tal-ħidma tagħha ta' omm u bil-gratitudini u għożża ta' binha lejha. Wara ċkunitu huwa tgħallem fil-Liċeo tal-Belt, u, imbagħad, l-Università. Fl-1887 ħa d-Diploma ta' Spiżjar u, sabiex igħin ruħu u l-familja tiegħu, kien daħal bħala spizjar fl-Ispiżerija ta' quddiem San Pawl, li dik il-ħabta kienet f'idejn it-Tabib G. Caruana Scicluna u t-tabib P.P. Agius, li kienu,wieħed Tabib Analitiku tal-Gvern u l-ieħor Spettur Sanitarju, kif dik il-ħabta kienu jissejħu t-Tobba Sanitarji. Wara ftit bil-Cholera kien inqala' ħafna xogħol fl-ispiżerija ta' l-Isptar Ċentrali u, għalhekk, iż-żagħżugħ Temi Zammit daħal għal xi żmien mal-Gvern f'dak l-isptar bħala Assistent Magazzinier Mediku. Ma' tul dan iż-żmien kien igħin ruħu wkoll billi jagħti xi lezzjonijiet privati tal-Fisika. Sentejn wara ħa l-lawrja ta' Tabib, u bħala bniedem imżejjen b'dehen u ħlewwa ta' natural mill-aħjar, il-biċċa l-kbira tan-nies ta' Tas-Sliema, fejn kien joqgħod, ma bdietx ħlief issejjaħ lilu. Billi kien magħruf għall-ħila tiegħu fix-xjenzi naturali, u l-iktar fil-Fisika, fl-1890 sar Surmast tal Fi-

sika fil-Kulleġġ ta' Flores u, sena wara, billi tbattal-il-post ta' Tabib Analitiku tal-Gvern, tħajjar jersaq b'eżami kompetitiv għal dik il-karika u minnufih ġie magħżul hu. Sabiex aktar jitħarreġ fix-xjenza tal-Kimika Analitika, fl-1892 mar Pariġi fl-"École Superieure de Pharmacie" fejn studja u tħarreġ fil-Kimika Prattika. Hemmekk iltaqa' mal-magħruf Pasteur, l-aqwa għaref ta' dik il-ħabta fil-batterjoloġija, u miegħu iktarx studja r-rabja tal-klieb li dak iż-żmien kienet qiegħda taħkem hawn Malta, minn fejn, kif jingħad, lil Pasteur kienu jinbagħtulu xi każijiet. Minn Pariġi telaq għal Londra fejn issokta jagħmel l-istudji tiegħu f'King's College. Għall-ħila li sa dak iż-żmien kien wera fix-xogħol ta' l-analizzar u għall-istudji speċjali li kien għamel fil-fergħa tax-xjenzi naturali, fl-1897 ingħażel Eżaminatur tax-Xjenzi Fisiċi fl-Università ta' Malta. Wara sentejn insibuh ukoll magħżul mill-Gvern bħala Membru ta' Kummissjoni imwaqqfa sabiex tistħarreġ fuq il-Malarja, taħt il-patroċinju tas-Segretarju ta' l-Istat u r-"Royal Society". Nistgħu ngħidu li minn dak iż-żmien 'il quddiem ma kienx ikun hemm Kumitat Governativ imwaqqaf imħabba xi mard, studji, arti, snajja' jew xjenzi fejn it-Tabib Temi Zammit ma kienx ikun imdaħħal bħala membru. Fl-1900 narawh, għalhekk, magħżul bħala membru f'kumitat tal-Marda tal-Għdim u, sentejn wara, membru tal-Kumitat tad-Direzzjon tal-Bibljoteka.

Kienet dik il-ħabta meta Temi Zammit beda jagħti ruħu għal kitba bil-Malti u għamel ħabib ma' Patri Manwel Magri u miegħu indehes fit-tiftix tat-tifkirijiet tal-qedem imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, u fl-istudju tal-ġrajjiet ta' missirijietna. Minn għand Patri Magri, flimkien ma' Napuljun Tagliaferro u Pawlu Bellanti, it-tliet plieri li fuq ix-xogħol tagħhom, wara l-ewwel ħidma ta' Abelà, Navarro, iż-żewġ Vassallo, u Annetto Caruana, twettaq l-istudju ta' l-Arkjoloġija Maltija, Temi Zammit kien wiret il-moħħ u l-ħeġġa għal dan ix-xogħol, xogħol marbut ma' dak l-ieħor ta' l-istudju tal-Ilsien Malti u tal-letteratura tiegħu, mirqum ukoll minn dak li, min-naħa l-oħra fl-istess żmien, kienu ħadmu f'din il-għalqa l-oħra ta' tiftix u kitba Maltija, Napuljun Tagliaferro, A. E. Caruana, Annibale Preca, Ġanni Vassallo u Ġużè Muscat Azzopardi. Dak iż-żmien kien raġa' daħal il-Malti fl-Iskejjel tal-Gvern, u fuq is-sistema grammatikali maħluqa minn Kumitat magħmul minn dawn il-kittieba li semmejt hawn fl-aħħar, l-aħjar ta' dak iż-żmien, kif insibuha miġbura u maħduma fil-"Muftieħ tal-Kitba Maltija" ta' Ġanni Vassallo (1901), il-Gvern ħareġ xi kotba ġodda bil-Malti għall-Iskejjel tal-Gvern:— Grammatika Ingliża mfissra bil-Malti, kotba tal-Qari bl-Ingliż u Malti u, fost dawn, l-ewwel ktieb bil-Malti miktub minn Temi Zammit

"Tagħlim fuq id-Dinja", li għalkemm jitkellem fuq xjenzi naturali, fih it-tabib Zammit wera mill-ewwel darba il-ħila tiegħu li jaf jinseġ u jdawwar il-kliem skond dak li trodd il-għamla ta' l-istess ilsien Malti. Il-kliem fit-tieni faċċata ta' dan il-ktieb li jgħidu: *Lit-tfal ta' dawn il-Gżejjer biex jistgħu ta' għaxar snin jitgħallmu dak li jien, b'ilsien barrani, ma stajtx nitgħallem qabel ma kelli tmintax* jagħtu xhieda ta' dana u tal-fehma li kellu Temi Zammit fuq ilsien Malti bħala l-ewwel mezz ta' tagħlim għat-tfal Maltin. Kien dak iż-żmien ukoll illi Patri Magri, qabel ma siefer u miet fi Sfax, kien ilu minn xi snin jimla u jżejjen il-Folklore u l-letteratura Maltija bil-"Ħrejjef Missirijjetna" u bil-"Għerf bla miktub tal-Maltin" li dehru fil-kotba tal-"Mogħdija taż-Żmien", u ħareġ xi kotba fuq l-arkjoloġija Maltija: tifsir fuq tliet iskrizzjonijiet Puniċi u rapport fuq il-Maqdes b'Ħaġar Kbir tax-Xewkija, Għawdex. L-aħħar biċċa xogħol ta' Patri Magri kienet dik tax-Xewkija u tal-Għerien ta' Ħall Saflieni, li wara xi ftit snin li beda jħaffirhom kellu jitlaqhom u jsiefer minn Malta. Il-għerien ta' Ħall Saflfeni baqa' għalhekk jitkixxef u jifli fihom Temi Zammit li bil-għajnuna ta' Napuljun Tagliaferro dam ħames snin jaħdem fihom, jagħżel għadam, xaqquf, għodod taż-żnied u oġġetti oħra li kien ilhom midfunin fuq eluf ta' snin. Il-qdumijiet tagħna, fosthom dawk hekk imsejħin "neolitiċi": "menhirs" u mqades, oqbra puniċi, għerien ta' l-ewwel żminijiet ta' l-Insara, djar Rumani, u dwiemes ta' għadam ta' qabel id-dilluvju, kienu ġibdu hawnhekk bosta nies għorrief li jifhmu fl-arkjoloġija, fosthom Mayr, Becker, Bradley, Peet, Ashby u Dudley Buxton li, tista' tgħid, kollha kemm huma tħaddtu ma' Temi Zammit u tawh il-fehmiet tagħhom fuq dawk it-tifkirijiet tal-qedem, fil-waqt li huma wkoll kellhom minn għandu l-isbaħ għajnuna bħala l-iktar bniedem li sata' jdawwalhom u jmexxihom fil-postijiet fejn kien hemm dawn il-fdalijiet qodma tal-gżejjer ta' Malta u dak kollu li sa dak iż-żmien kien inkixef u nsab.

Hawn Malta aħna ma kellna ebda Mużew għalih u mrawwem kif inhu l-lum, sa nghidu aħna, l-1903. Xi ġabra ta' oġġetti qodma, bħal muniti, għadam u ilsna tal-ħut fossilizzati u xi kwadri qodma kont tista' biss tiltaqa' magħhom, mill-ewwel żminijiet ta' l-Ordni, fid-djar ta' xi familji nobbli, fost dawn ta' min isemmi l-ġabra kbira u sabiħa li kellu Abela li kiteb bit-taljan l-ewwel Storja ta' Malta (*Della Descrittione di Malta, 1647*), ġabra magħmula minn oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ġrajjiet tal-Gżejjer ta' Malta, bħal muniti, iskrizzjonijiet, statwetti, ġħamara tal-foħħar u ħġieġ minn oqbra, ecc. Abela kien ħalla bil-bini b'kollox dawn l-oġġetti qodma lill-Ġeżwiti u dawna minn fuq il-Ħotba tal-Ġeżwiti, il-Marsa, ġarrewhom fil-Villa tal-Ballju De Sousa, Għajn Dwieli, fejn, billi ħadd ma kien

jieħu ħsieb tagħhom, ftit ftit ixxerrdu u minnhom, tista' tgħid, ma nġabrux ħlief xi ħwejjeġ żgħar. Biċċa minnhom żammhom u refagħhom il-Grammastru De Rohan fil-Palazz tiegħu, il-Belt, u minn hemm ittieħdu fil-Bibljoteka fejn kienu miżmumin ġewwa kamra għalija, imsemmija "Gabinetto delle Antichità." Għalhekk, baqa' jieħu ħsiebhom u jżid fihom kull Bibljotekarju, minn Fra Gio Navarro sa Annettu Caruana. Fl-1901 fil-Palazz ta' Xara, ta' quddiem San Ġwann, 'saret Wirja ta' oġġetti mislufin, b'qima lejn id-Duka u d-Dukissa ta' York* fiż-żjara tagħhom f'Malta, u billi din irnexxiet ħafna, il-Gvernatur Grenfell tħajjar u għamel il-ħsieb li dak il-post jibqa' għal dejjem bħala Mużew Nazzjonali. Temi Zammit, li kien ħadem ħafna ma' Patri Magri qabel din id-data, kien l-iktar wieħed li, għal għerfu u għax-xeħta li kellu għall-istudju ta' l-arkjoloġijà tal-pajjiż, sata' jieħu ħsieb ta' dan il-Mużew ġdid u, fl-1903, il-Gvern għażlu bħala Kuratur ta' dan il-Mużew u, l-oġġetti l-qodma li kien hemm il-Bibljoteka minn żmien l-Ordni ittieħdu fil-bini l-ġdid fejn, flimkien mal-ġabra ta' xi antikitajjiet Egizzjani mogħtijin minn Lord Grenfell u ta' oħrajn miġburin minn xi Dipartimenti tal-Gvern u djar privati, kienet l-ewwel tagħmira tal-Mużew. Taħt it-tmexxija, ħidma u sabar ta' Zammit, megħjun minn Ashby u Tagliaferro, għal dak li hu taħfir u studju ta' ħaġar u foħħar ta' qabel iż-żminijiet tal-Feniċi, hu għaraf jiġbor b'reqqa kbira ħafna għodod, ħnienaq tal-għadam tal-ħut, statwetti, ecc. u magħhom ġabar u għaqqad il-bċejjeċ ta' foħħar imżejjen b'disinni li jgħaġġbuk u għamilhom sħaħ bħal ħafna ġarar oħra, u qegħidhom f'vetrini fejn il-għajn tista' titgħaxxaq bihom u tgħożż ix-xogħol tar-reqqa ta' nies li sa 3000 sena qabel Kristu jew iżjed kienet tgħammar f'dawn il-Gżejjer. Dawn l-oġġetti għall-ewwel kienu l-ftit li sa dak in-nhar inġabru minn irdumijiet ta' qabel il-Feniċi, bħal Ġgantija, Ħaġar Qim, Mnajdra u magħhom dawk li fl-aħħar kienu nsabu fil-Baħrija, ix-Xewkija, Borg in-Nadur, Burmegħeż, Santa Verna, Kordin, u Ħall Saflieni. F'vetrini oħra dawk tal-Katakombi Romani tar-Rabat u f'oħrajn dawk ta' l-oqbra Feniċi jew Puniċi. Il-Mużew tqassam ukoll skond kull perijodu storiku, u għalhekk wara l-ġabra ta' oġġetti ta' żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi u dik tar-Rumani, issib ukoll dawk l-oġġetti l-oħra ta' żmien l-Ordni f'vetrini mimlijin b'dixxijiet tar-ram, forom, kwies, ġarar ta' l-Ispiżerija mill-Isptarijiet ta' l-Ordni, siġilli, użin u kejl u xi arġenterija tas-Sagra Infermerija. Fl-aħħarnett il-kamra tal-Muniti ta' minn żmien il-Kartaġiniżi sa żmien l-Ordni, ġabra ta' muniti ta' l-Ordni li ħalla l-Professur Pisani. Ma' din ingħaqdet il-ġabra l-oħra tal-

* Il-lum ir-Re u Reġina tagħna. Din il-Wirja ħadet ħsiebha is-"Società di Arti e Manifatture" li tagħha kien Segretarju Temi Zammit stess.

konnijiet li bihom kienu isiru l-flus taħt De Rohan u Hompesh, kif ukoll il-konnijiet ta' żmien il-Franċiżi u xi flus tar-Rejjiet Ingliżi minn Guljelmu IV sa Ġorġ V.

Dan it-taqsim u tagħmir kien sar kollu minn Temi Zammit li maż-żmien baqa' dejjem iżid u jgħammar bl-oġġetti li kien isib 'l hawn u 'l hinn f'kull kixfa ġdida li kien jagħmel jew f'kull tiftixa oħra f'xi wieħed mit-tliet monumenti ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra jew il-Ġgantija. Maż-żmien il-Palazz ta' Xara ma baqax jasa' kollox. Mat-taqsimiet ta' l-oġġetti Arkjoloġiċi, bit-tħabrik ta' Zammit, żdiedet it-taqsima ta' l-Istorja Naturali li kienet dari l-Università u dik ta' l-Arti u fl-aħħar dik tal-Ġebel Minerali. It-taħfir u taħmil li kien beda jsir fil-għerien ta' Għar Dalam (1912-13) li kien ilu ma jimtess minn żmien Cook (1892) żiedu ukoll fit-tagħmira tal-Mużew u f'hekk Temi Zammit kien megħjun, l-ewwel nett mill-Professur Tagliaferro, u mbagħad mis-Sur G. Despott, li dik il-ħabta kien Kuratur tal-Mużew ta' l-Istorja Naturali, l-Università u, wara wkoll, mis-Sur Rizzo li kien Inginier fid-Dipartiment Sanitarju u l-lum Direttur tal-Mużew flok il-mejjet Zammit.

Bil-ħsieb li l-Mużew jitwassa' u fih jilqa' t-Taqsimiet ta' l-Arti (Pittura eċċ), Storja Naturali u tal-Mineraloġija, il-Gvern iddieċieda li jagħti l-Berġa ta' l-Italja fi Strada Mercanti lid-Dipartiment tal-Arkjoloġija biex hemmhekk jitgħammar bħala Mużew, u għalhekk, fid-19 ta' Novembru, 1925, jinfetaħ il-post il-ġdid tal-Mużew f'din il-Berġa fejn kienu nġarru l-oġġetti kollha li kien hemm fil-Palazz ta' Xara. B'Notifikazzjoni tal-Gvern tat-22 ta' Diċembru, 1922, il-Professur T. Zammit, sar Direttur tal-Mużew u Kuratur tat-Taqsima Arkjoloġika u Storika, fil-waqt li s-Sur G. Despott, is-Suprintendent tas-Sajd, inkarikat mill-Mużew ta' l-Istorja Naturali fl-Università sar Kuratur tat-Taqsima ta' l-Istorja Naturali, is-Sur Ċensu Bonello, l-Ispettur tal-Kwadri, sar Kuratur tat-Taqsima ta' l-Arti u l-Avukat L. F. Mizzi, li kien irrigala lill-Gvern il-ġabra sabiħa tal-minerali, sar Kuratur tat-Taqsima tal-Ġebel Minerali. Nistgħu ngħidu illi jekk il-lum għandna Mużew f'post hekk xieraq u mgħammar u mqassam kifinhu l-lum, huwa kollu b'riħet ix-xogħol ewlieni ta' Temi Zammit li mis-sena 1903 għaraf imexxih hekk 'il quddiem.

Iżda Zammit ma ħadimx f'din il-fergħa ta' xogħol biss u f'dik l-oħra ta' Tabib Analitiku tal-Gvern, imma sena wara l-oħra, sab ruħu mdeffes f'ħidmiet oħra li jagħmlu mis-saħħa tan-nies tal-Gżira u fihom il-moħħ u l-ħeġġa tiegħu kienu ta' l-akbar fejda.

Il-ħsara li minn żmien kienet qiegħda tagħmel, fost il-popolazzjoni ċivili u militari, il-marda—hekk imsejħa dak iż-

żmien tad-"Deni Mediterran", illum magħrufa bl-isem ta' "Deni Ondulanti" u fostna ta' Deni Biered,—kienet ġagħlet lir-"Royal Society" (1904) ta' Londra tieħu ħsiebha u għalhekk waqqfet Kummissjoni biex tfittex u tgħarbel fuq il-kaġun u l-irmedji tagħha. F'dil-Kummissjoni ħadu sehem kbir l-Awtoritajjiet Navali u Militari, u Zammit inħatar bħal membru biex jidher għal Gvern ta' Malta. Dan kien fl-1904. Qabel dan iż-żmien Zammit kien ħabat għamel xi studji fuq din il-marda kif jidher minn dak li kien kiteb fl-1902 taħt l-isem ta' "On Mediterranean Fever from a sanitary point of view".

Billi kien għamel żmien jaħdem bħala Segretarju u President tas-"Società Maltese d'Arti, Manifatture e Commercio", fis-sena 1904 din is-Socjetà tatu medalja tad-deheb bħala tifkira u għożża tax-xogħol tiegħu.

Zammit fil-Kummissjoni tad-Deni Ondulanti kien sewwa mhux ftit u kif jidher kien hu li sab id-dudu ta' din il-marda fil-mogħoż. Fl-14 ta' Ġunju, 1905, huwa kixef il-mikrobu ta' din il-marda fid-demm tal-mogħoż. Huwa sab ukoll illi fl-eżami tal-ħalib tal-mogħoż, imniġġsin bid-dudu tad-demm biered jista' jkollok l-istess "agglutinazzjoni" bħal fid-deni tal-bniedem imniġġes bl-istess marda; u li n-nemus li jerdgħu d-demm ta' bniedem marid bid-deni biered jistgħu, meta joqorsu bniedem ieħor b'saħħtu, iddakkruh bid-dudu tal-marda u jmarrduh biha (1).

Bit-tiftix li sar fuq dil-marda u l-mikrobu tagħha fil-mogħoż u fil-bniedem, il-patoloġija tagħha, ir-raġunijiet tal-"agglutinazzjoni" tad-dudu tal-marda fil-mogħża, huwa kiteb bosta artikoli u rapporti fejn wera l-ħila tiegħu fil-battjoroloġija.

---

(1) Fid-29 ta' April, 1905, it-Tabib Zammit kien fisser il-fehma tiegħu lill-President tal-Kummissjoni illi l-marda tad-Deni Mediterran kienet qiegħda tixxerred fost in-nies mill-mogħoż *li jistgħu jitniġġsu bid-dudu tagħha*. Għalhekk trawwem Laboratorju f'Lazzarett biex jistudjaw il-marda fil-mogħoż.

Fit-23 u fis-26 ta' Ġunju, 1905, il-Maġġur Horrocks kiteb li hu kixef il-mikrokokku tad-Deni Mediterran fil-ħalib ta' xi mogħoż u li T. Zammit, kien sabu qablu fid-demm ta' waħda minn dawna *(Report of the Commission appointed by the Admiralty, War Office and Civil Govt. of Malta for the Investigation of Mediterranean Fever*—London, 1905. Part III. page 4.).

Ta' din l-informazzjoni niżżi ħajr lis-Sur Charlie Zammit, bin il-mejjet Prof: Zammit, u, għal xi dati li għinuni ħafna biex indomm u ngħaqqad din il-bijografija, lis-Sur Kustanz Busuttil, il-Kustodju tal-Mużew.

Fil-1905, Zammit laħaq Professur tal-Kimika fl-Università ta' Malta, fil-waqt li baqa' jaħdem bħala Tabib Analitiku tal-Gvern, bħala membru fil-Kummissjoni tad-"Deni Ondulanti" u bħala Kuratur tal-Mużew. Sadattant il-Gvern ħaseb biex jeqred il-marda tad-"Deni Ondulanti" u għalhekk għamel Kummissjoni oħra u fiha lil Zammit daħħlu bħala wieħed mill-membri. Zammit baqa' sa l-aħħar jagħti l-għajnuna tiegħu lill-Gvern fuq dil-ħaġa, ukoll meta irtira mis-servizz sabiex jitfittex l-aħjar mezz li tinqered dik il-marda, marda illi dment li l-popolazzjoni tibqa' tixrob il-ħalib tal-mogħiża ma kienx hemm tama, mhux biss li tinqered, imma lanqas li tonqos. Dawn l-aħħar snin, Zammit flimkien mat-tabib J. Debono, kien sab tilqima li biha aktarx il-mogħiża ma titniġġisx bil-marda u b'hekk il quddiem il-merħliet tagħna ma jkunux jistgħu bil-ħalib tagħhom jagħtu l-marda tad-deni biered. Il-ħsieb ta' Temi Zammit ma laħaqx twettaq u, milli jidher, għal issa l-Gvern, biex irażżan il-marda, se jittanta l-pasturizzazzjoni tal-ħalib.

Fl-1906, is-Segretarju tar-"Royal Society" bagħatlu ittra fejn fissirlu l-għożża tas-Soċjetà għax-xogħol tiegħu fl-istaħriġ li kien sar fuq id-deni biered mill-Kummissjoni. Ittra oħra fuq hekk inbagħtet lilu minn għand Lord Eligin, Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji.

Zammit bix-xogħol li ħadem fil-patoloġija (fix-xjenza tal-mard u l-effetti tagħha fl-organi tal-bniedem) kien indehes ma' l-akbar Soċjetajjiet barranin tal-Mediċina u fl-1908 is-"Societé Pathologie Éxotique" għażlitu bħala Membru Korrispondent tagħha.

Fl-istess sena deher bħala membru tal-Gvern Malti f'Kungress f'Milan fejn ħa sehem f'taħdita li saret fuq id-deni biered u tkellem fuq l-eżami tad-demm u ħalib tal-mogħoż imniġġsa bil-mikrobu tal-marda.

Bħala Tabib Analitiku huwa kien għamel studju fuq l-Ilma tal-Gvern li nixorbu minnu u fl-1910 għażluh membru ta' Kummissjoni biex tistaħreġ fuq il-Provvista ta' l-Ilma tal-Gvern. Fuq hekk kien kiteb fl-"Archivum Melitensis" (1924), artiklu li wara ħarġu fi ktieb ċkejken jismu "The Water Supply of the Maltese Island" (1931) fejn ġabar dak kollu li sa dak iż-żmien kienu jafu fuq il-ħażna ta' l-ilma tal-Gvern fil-Gżira ta' Malta, b'dak kollu li qabel kien inkiteb ukoll minn Mercieca u Gatt.

Fis-sena 1911, bir-rifuġjati li waslu hawn Malta ftit qabel il-bombardament ta' Tripli kienu nibtu xi każijiet tal-Cholera f'xi rħula hawn Malta, u Zammit bħala Tabib Analitiku fl-Uffiċċju tas-Sanità kien ħa sehem kbir fil-ħidma tad-Dipartiment Sanitarju biex jinżamm it-tixrid tal-marda. Sena qabel kien

mar Napli biex jistaħreġ fuq l-istess marda li kienet qiegħda taħkem hemmhekk. Fl-istess żmien ġietu l-aħbar minn għand is-Segretarju ta' l-Istat, il-Viskonti Harcourt, fejn għarrfu li huwa ressaq ismu għat-titlu ta' Kumpann tal-Wisq Magħruf Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ bħala xhieda ta' għożża għax-xogħol tajjeb li hu kien għamel għall-Gżira ta' Malta u għalhekk wara ftit ir-Re żejnu b'dak it-titlu.

Fil-waqt li hu kien ikun medhi b'dan ix-xogħol kollu, hu kien isib ukoll iż-żmien igħallem il-Battjoroloġija lil xi tobba Navali u, għalhekk, wara li temm dan it-tagħlim, is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji bagħat ifissirlu l-għożża tal-Lordi Kummissjonarji ta' l-Ammiraljat għas-servizzi li Zammit kien għamel bil-lezzjonijiet li kien jagħti lit-Tobba Navali fuq il-Battjoroloġija.

Ma kenitx tinqala' ħaġa li tqalleb id-dinja u tmiss lil Malta fejn Temi Zammit ma kienx ikun imdaħħal fiha; għalhekk fi żmien il-Gwerra l-Kbira huwa għamel xi żmien ukoll bħala Tabib abbord tal-Bastiment Taljan tal-Gwerra "Reġina d'Italia", użat dak iż-żmien bħala Sptar u ħadem ukoll ma' l-aqwa tobba, fosthom ma' Sir Archibald Garrod.

*
* *

Minn mindu kien ħa f'idejh Ix-xogħol tal-Mużew, Zammit baqa' bla hedu ta' xejn dejjem igħarbel u jfittex daqqa f'dawk il-postijiet li kienu nkixfu qabel żmienu u daqqa f'oħrajn li hu kien sab mis-sena 1903 'l hawn. Il-għerien ta' Ħall Saflieni kien naddafhom mit-terrapien kollu li kien fihom u, għal dak li huma oġġetti, ġew kollha iktarx miflijin minnu fil-waqt li fuq ix-xeqquf għamel studju għalih Napuljum Tagliaferro u, għal dak li hu għadam u rjus ta' mejtin misjubin b'għadd kbir f'dak il-midfen, rahom u għamel studju fuqhom Zammit stess flimkien ma xi antropoloġi Ingliżi li ġew jaħdmu miegħu. Wara ix-xogħol ta' tnaddif u tal-ġabra sabiħa li Zammit għamel fihom, il-għerien ta' Ħall Saflieni dehru f'għajnejn il-għorrief bħala wieħed mill-aqwa għaġeb tal-ħidma u sengħa tal-bniedem neolitiku li b'daqsxejn għodda taż-żnied,kellu l-ħila jħaffer, wieħed taħt ieħor, dawk il-għerien imwiergħa.

Fis-sena 1910, Zammit ħareġ rapport fuq ix-xogħol li kien sar fihom, u, sentejn wara, ħareġ it-tieni fejn fisser il-bqija ta' tiftix li għamel fihom u li bih jagħlaq ix-xogħol kollu tiegħu f'dawk il-għerien li jibqgħu bħala waħda mill-akbar tifkira tassengħa tal-bniedem f'Malta wisq qabel dik l-oħra tal-Feniċi, li għalina qabel din il-kixfa kienu l-ewwel nies li ħallew xi tifkirijiet bħal dawn.

Dik il-ħabta l-Mużew kien għadu fil-Palazz ta' quddiem San Gwann, u billi sa dak iż-żmien kien tgħammar ġmielu,

Zammit ħareġ Gwida (Guide Book to the Valletta Museum 1913) fejn fisser it-taqsim tal-fergħat li kien hemm bl-oġġetti fejn huma mqegħdin, jiġifieri, Arkjoloġija u Storja Naturali u oġġetti ta' l-Ordni u Muniti. Wara din il-Gwida ħareġ oħra (1918) bħal ta' qabel u fiha żied ifisser fuq dawk l-oġġetti li nkixfu minn mindu kienet ħarġet l-ewwel gwida, u tliet snin wara (1931) ħareġ it-tielet waħda fejn wera u fisser fuq il-fergħat kollha li kien hemm fil-Berġa ta' l-Italja, il-post il-ġdid tal-Mużew, jiġifieri Arkjoloġija, Storja Naturali u oġġetti ta' żmien l-Ordni, biż-żewġ fergħat li żdiedu, tal-Pittura u Mineraloġija.

Iżda l-akbar biċċa xogħol li ħadem Temi Zammit fl-arkjoloġija ta' Malta hija dik tat-Tempju jew maqdes ta' Ħat-Tarxien. Min kiteb din il-bijografija, fuq din il-kixfa jista' jgħid xi ħaġa iżjed minn ħadd ieħor. It-Tempju ta' Ħat-Tarxien qiegħed max-xaqliba li tħares lejn il-grigal fl-inħawi li jmissu ma' tal-Borġ, taħt iċ-ċimiterju l-qadim ta' l-Erwieħ inti u ġej mir-Raħal il-Ġdid, f'raba' li jmiss ma' sqaq li minnu toħroġ għal fuq it-trieq tal-Knisja ċ-ċkejkna ta' Santa Marija max-xellug tat-trufijiet tar-raħal qabel ma taqbad il-ħâra ta' Wara l-Bjut u s-Salib tad-Dejma li hemm fil-bidu taż-żewġ triqat għal Bormla u ż-Żejtun.

Ir-raba' li fih kien hemm midfun dan il-għaġeb ta' Tempju, kien imqabbel għand bniedem sensal li fih kien jaħdem fil-ħinijiet battala tiegħu. Fil-waqt li darba waħda kien qed jaħdem fil-għalqa, dan ir-raġel iltaqa' ma ġebel kbir illi mill-għamla tiegħu ma deherlux li kien blat, iżda ġebel maħdum ta' xi bini mardum. Hu tkellem ma' wieħed xwejjaħ li kien jindokra ċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ li jmiss ma' dan ir-raba' u dan għarrfu illi dan il-ġebel kbir, b'xi xeqquf miegħu, bħal imsiebaħ u ġarar, kienu deħru wkoll huma u jħaffru għal pedamenti meta snin qabel tkabbret il-kappella ta' dak iċ-ċimiterju. Dak ir-raba' kien tal-Gvern u l-gabillott ħasibha darbtejn sakemm tarraf lill-Professur Zammit b'dak li kien sab għax baża' li b'hekk l-għalqa jitlifha bla ebda fejda. Kien il-parir tiegħi, wara li tarrafli l-biċċa, li ġagħlu fl-aħħar imur isib lill-Professur Zammit u jfiehmu b'kollox. Zammit, għall-ewwel, qajla ħa għal kliem ir-raġel, iżda fl-aħħarnett, wara li ġagħlu jħaffer trinka u mar fuq il-post, b'għaġeb kbir tiegħu, sab illi dak kien wieħed mill-monumenti kbar preistoriċi fuq il-għamla ta' dawk tal-Ġgantija, Ħaġar Qim u Mnajdra u, billi ma kien mimsus b'xejn mindu twaqqa' u ndifen taħt it-trab tar-raba', il-kixfa ta' bini bħal dak satgħet tarmi ħafna dawl fuq dawk iż-żminijiet tal-ħaġar u tal-bronż fil-gżejjer ta' Malta u fuq ir-rabta li kellu ma' oħrajn bħalu fil-gżira u f'artijiet oħra tal-kosta tal-Mediterran. Zammit dam jaħdem, igħarbel u ifittex sal-1919, meta deherlu li ma kienx hemm għalfejn

iħaffer iżjed. Il-ħoħħar, il-ġebel minqux u xbihat, bċejjeċ jew sħaħ, għadam ta' nies u annimali, li nsabu f'dak it-Tempju, jagħmlu l-isbaħ ġabra ta' oġġetti qodma li s'issa nsabu f'Malta u Għawdex ta' dawk iż-żmenijiet bikrija taċ-Ċiviltà ta' l-Artijiet tal-Mediterran.

Fuq ix-xogħol ta' tiftix li jagħmel f'dan it-Tempju, barra minn dak li kiteb fir-Rapporti li għamel kull sena fuq ix-xogħol tal-Mużew maħruġin bħala suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern, huwa kiteb bosta artikoli f'rivisti ta' barra, bħal fil-*Man* Vol. XVI. Nru. I tal-1916, fl-*Archaeologia* Vols. 67, 68 70, fid-*Discovery* Vol. III Nru. 32 (1922), "Prehistoric Malta–The Tarxien Temples" (Oxford), 1931, u xi konferenzi fl-Università ta' Londra. (1920).

Fl-1920, il-Gvernatur Plumer, li kien igħożż mhux ftit il-ħila tiegħu, għażlu bħala Rettur ta' l-Università u għalhekk huwa ħalla mill-karika ta' Kimiku Analitiku fid-Dipartiment tas-Sanità u minn dik ta' Professur tal-Kimika, iżda baqa' f'dik ta' Kuratur tal-Mużew, karika li kienet marbuta ma' qalbu u li, nistgħu ngħidu, miet fiha. Bis-saħħa tal-karika ġdida li kellu ta' Rettur ta' l-Università huwa nħatar bħala Membru tal-Kunsill tal-Gvern u tal-Kunsill Esekuttiv.

Fl-atti tar-"Royal Society of the History of Medicine", ta' Londra, is-sena 1920 deher artiklu tiegħu li jitkellem fuq l-Iskola tal-Mediċina f'Malta. Fl-istess sena huwa mar Londra u hemmhekk għamel xi konferenzi fl-Università fuq "L-ewwel Ċivilizzazzjoni ta' Malta" u fl-istess żmien l-Università ta' Oxford stednitu u tatu l-grad ta' D.Litt (Honoris Causa), għax-xogħol tiegħu fit-Tempju ta' Ħat-Tarxien u l-Għerien ta' Ħall Saflieni, fil-waqt illi s-"School of Tropical Medicine" ta'Liverpool tatu l-medalja, il-"Mary Kingsley Medal", bħala xhieda ta' għożża għall-ħrara tiegħu fix-xjenzi u, sena wara, sar Segretarju Lokali tas-Socjetà ta' l-Antikitajjiet ta' Londra.

Fl-1922 huwa mar Londra u deher hemmhekk bħala Delegat tal-Gvern ta' Malta f'Konferenza Imperjali dwar l-edukazzjoni. Hemmhekk Zammit tkellem mad-delegati l-oħra kollha ta' l-Imperu Ingliż fuq it-tagħlim f'Malta u fisser il-fehmiet tiegħu dwar l-aħjar sistema ta' tagħlim li taqbel għal Malta. Fl-istess sena kien maħtur ukoll bħala Delegat ta' l-Università ta' Malta' f'Konferenza oħra dwar it-Tagħlim fl-"Extramural University ta' Cambridge".

Fl-1926 għeluq it-62 ta' għomru ħalla minn Rettur ta' l-Università biex jibqa' għax-xogħol tal-Mużew. Barra mix-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Mużew huwa fettex li jaħdem ukoll f'dik li hija storja u lsien Malti. Għal ħabta ta' Ġunju

tal-1925 huwa ħareġ Storja ta' Malta fil-qosor miktuba bil-malti, imsemmija: "Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom" u, is-sena ta' wara, ħareġ oħra bl-Ingliż taħt l-isem ta' "Malta, the Island and its history".

Sa mill-bidu nett mindu, fl-1910, kienet inħolqot is-*Società Storico - Scientifica Maltese* huwa kien wieħed mill-aqwa membri tagħha u swielha ħafna bis-sehem li ħa fil-laqgħat li saru, fejn tkellem kemm-il-darba fuq il-kixfiet arkjoloġiċi li kien jagħmel fil-gżira u x-xogħol tiegħu fihom. Iżda l-aqwa rivista fejn żied kabbar ismu bl-artikoli li kiteb mill-1926 sal-1930 kienu dawk li dehru fl-*Antiquity* (1928-1930), wieħed fuq is-sinjali tar-roti preistoriċi li nsabu f'xi blat ta' madwar il-gżejjer ta' Malta, l-ieħor fuq id-dwiemes jew ħoqbra mħaffrin fil-blat li nsabu f'Malta, u l-ieħor fuq Qdumijiet Preistoriċi fil-Gżejjer ta' Malta.

Fl-1926 huwa mar Tunes biex jidher bħala Delegat tal-Gvern ta' Malta f'Kungress tat-Tobba u fuq hekk il-Bey ta' Tunes kien ħatru Kmandant ta' l-Ordni ta' Nicham Iftikhar. Kif fissirna, Zammit u t-tabib J. Debono kienu sabu tilqima biex biha l-mogħoż ikunu milqugħin mill-mikrobu tad-deni biered jew "Deni Ondulanti" u x-xogħol tagħhom kellu wkoll jitkompla bi sperimenti oħra fuq għadd kbir ta' mogħoż biex dejjem ikun hemm prova iżjed qawwija tat-tjubija ta' din it-tilqima. Fuq dan ix-xogħol, fil-*Lancet* tal-21 ta' Ġunju, 1930, kien deher artiklu ta' Zammit u tat-Tabib J. Debono li jitkellem fuq ix-xogħol, li sa dak in-nhar kien sar minnhom. Fl-aħħar snin tal-ħajja ta' Temi Zammit dan ix-xogħol deher li naqas mill-ħeġġa li biha kien qed isir għall-ewwel u, milli jidher, iktarx imħabba l-mezz li kellu jittieħed mill-Gvern biex jippasturizza l-ħalib, kemm ukoll imħabba il-ħass ħażin ta' Zammit f'dawn it-tliet snin ta' l-aħħar.

Għax-xogħol li sa dak iż-żmien Zammit kien għamel għax-xjenza medika u għall-arkjoloġija ma' tul l-aħħar 40 sena, ir-Re ta' l-Ingilterra fl-1930 għoġbu jżejnu bil-Kavalierat ta' *Knight Bachelor*, f'kelma waħda bit-titlu ta' *Sir*.

Minn dik is-sena, jiġifieri ħames snin qabel mewtu, il-bixra ta' wiċċ Temi Zammit kienet dik ta' bniedem li fuqu qed iħoss it-toqol tal-għomor u tal-ħidma, għalkemm kont tarah b'dik it-tbissima f'fommu lesta dejjem biex tistor kull sħaba li tgħattilu d-dawl ta' wiċċu. Dik il-lejla li mort inżuru fuq it-titlu ġdid li kien ħa, jiena u neħodlu b'idu u nifraħlu, b'dahru immejjel u bid-daħka dejjem f'fommu, hu weġibni: Għoġobhom jagħtuni dan it-titlu l-ieħor biex qabel ma nagħlaq għajnejja, bħal dak li qallu, inkun ilħaqt kollox!" u kompla jidħak. Iżda ma kinux

għaddew sentejn meta l-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika u Arti tar-Repubblika Franċiża għamlu "Officier d'Accademie".

Sena qabel miet huwa irtira minn Kuratur ta' l-Arkjoloġija u floku laħaq ibnu li kien Assistent tiegħu. Għalkemm dan l-aħħar it-tabib tiegħu kien qallu jistrieħ għal kollox għall-ġid ta' saħħtu, huwa ma kienx isib sabar jekk ma jedhiex bix-xogħol tal-Mużew u, għalhekk, baqa' sa mewtu jaħdem fix-xogħol ta' l-arkjoloġija, ukoll meta kien ikun mixħut fis-sodda.

Qabel ma nagħlaq din il-bijografija jixraq li nsemmi, għal-kemm tarraftu mill bidu, illi Zammit kien imsaħħar wara l-Ilsien Malti. Meta beda t-trieq li minnha nifed għal dik l-għolja li tala' fuqha, huwa ma staħax, bħal ħafna oħra, u lanqas ma tqażżeż jikteb bil-Malti; mhux talli hekk, iżda, bħalma nista' nistqarru jien, kien igħin mhux ftit u jagħmel il-qalb lil kull min kien jarah jistudja u jikteb il-Malti. Fuq hekk nista' ngħid ukoll illi d-dawl u l-pariri tajba li tagħni fix-xogħol tiegħi kienu ta' mgħallem, ta' missier u ta' ħabib u, għalhekk, għal qalb li rajt minnu fit-tletin sena li kont ili nafu, lil Temi Zammit ma nista' ninsieh qatt. Barra mis-sengħa fil-kitba Maltija, kellu ħaġa tajba wkoll, li kien jaf jagħżel u jgħożż minn kitba u oħra. Lil-Ilsien Malti għollieh kemm sata', u l-Gvern stess, kemm-il-darba, ħa l-parir tiegħu, meta ġie biex jaqta' kwistjonijiet fuq il-Ilsien Malti, bħala mezz ta' tagħlim, kif ukoll fuq is-sistema ta' kitba Maltija fl-amministrazzjoni.

Sa mindu nħolqot il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" huwa kien issieħeb fiha u maż-żmien sar President Onorarju tagħha wkoll, u dana mhux għall-isem biss, iżda biex jaħdem fiha wkoll. Bħal ma naraw, kemm dam joħroġ "Il-Malti", l-organu tal-Għaqda, huwa mela dak il-ktieb tal-qari bi Ħrejjef u Ċajt li jgħaxxqu sew fil ħlieqa kemm fit-tiswir tal-kelma ħajja, sħiħa u kollha kemm hi maltija. Dawn il-ħrejjef huma ġawhar ta' kitba maltija u bihom Zammit libbes u żejjen mhux ftit il-letteratura fqira tal-proża maltija. Bosta minn dawn il-Ħrejjef u Ċajt sa jidħlu fl-Antoloġija li qiegħda ssir għall-Iskejjel Sekondarji, fil-waqt illi d-Direttur ta' l-Edukazzjoni sa jaħseb ukoll biex jiġborhom fi ktieb wieħed għal idejn l-istudenti u qarrejja tal-Malti.

Fl-aħħar ta' ħajtu Zammit kellu jinfired mill-bejta fejn kien ilu jgħammar mill-ewwel żmenijiet ta' meta' kien iżżewweġ mas-sinjura Lwiża de'Marchesi Barbaro, armla tas-Sur E. Laferla u fejn trabbew iż-żewġt itfal tiegħu, waħda x-xebba Sophie u l-ieħor iż-żagħżugħ Charlie, il-Kuratur ta' l-Arkjoloġija tal-Mużew.

Madwar sena qabel il-mewt tiegħu ħaseb biex bena villa f'Ta' Xbiex fuq l-art tal-Baruni Petrin Moroni Viani, neputi tal-mara tiegħu, f'naħa li tħares lejn il-majjistral fuq it-trieq li tagħti għal ġnien tal-Gżira inti u ġej mill-Imsida ma' xatt il-baħar.

Bħala tifkira għażiża tal-ġieħ li kienet tatu l-Università ta' Oxford għax-xogħol tiegħu fl-arkjoloġija, lil din il-villa taha l-isem ta' "Oxonia". Ferħan bid-dar il-ġdida fejn stenna iqatta' l-bqija tas-snin ta' ħajtu fil-hena u fil-mistrieħ, dlonk ħass ruħu mqarraq għaliex ftit ġranet qabel ma kellu jmur fiha saħħtu bdiet turi li ħadet xejra għal agħar, u meta mbagħad sab ruħu fiha ma jidhirx li l-arja ta' l-inħawi wetietu.

Jien li kont midħla tiegħu, u sew sew tiitt xhur qabel ma għalaq għajnejh kien sejjaħli fuq biċċa xogħol tal-Malti, qatt ma kont rajtu magħdur daqs dik id-darba, għalkemm dejjem ferrieħi u daħkani. Xahar wara rġajt mort rajtu fil-għaxija, f'lejla mudlama, u iktar mudlama f'dawk l-inħawi ta' ftit djar li għadhom weħidhom, donnhom bla nies.... u qalbi ħebritni li sejjer nara bniedem li ma nafx narġax narah....L-aħbar li wasalli fuq il-ħass ħażin li kien qabdu, ġibidni dik il-lejla lejn dik id-dar b'daqsxejn ta' qtigħ il-qalb. Dak ir-raġel kbir, iktar fil-moħħ milli fil-għomor, kien donnu laqtu wieħed minn dawk ir-rwiefen xitwija li jħabbtu fuq siġra u jqaċċtulha z-zokk u jmejlulha rasha lejn l-art. Kien qiegħed fuq pultruna, b'rasu immejla u, b'leħen ħiemed u mdejjaq, qalli biex noqgħod bil-qiegħda ħdejh. Il-lewn ta' wiċċu u xufftejh kien mitfi u għajnejh miksurin u, l-ewwel ma qalli li ma kien iħossu xejn tajjeb. Tkellimna ftit u malli ħallejtu, iċċaqlaq minn fejn kien u tala' t-taraġ bla kliem xejn, bil-mod il-mod biex imur jimtedd. Dik kienet l-aħħar lejla li rajtu Xahar u ftit ġranet wara, Temi Zammit għalaq għajnejh.

Qabel ma miet ħalla karta fejn talab lil martu u t-tfal tiegħu biex jidfnuh bla ebda sinjali ta' turija u taqsim ta' tifkiriet bi xbihatu. "Min irid jiftakar fija", kiteb hu, "għandu biżżejjed fuqhiex jara... dak li għamilt mhux għal ismi, iżda għal isem pajjiżi..." Fuq karta oħra kien ħażżeż kelmtejn oħra bil-Malti li ried li jitnaqqxu fuq il-qabar tiegħu. Dawn igħidu:

SIR TEMI ZAMMIT M.D., C.M.G., KT., D.LITT. (OXON)
TWIELED IL-BELT FL-1864
MIET.................
ĦAFFER DAL-QABAR
GĦALIH U GĦAL NIESU
ALLA JAGĦTI U ALLA JIEĦU
IKUN IMBIEREK ALLA.

Miet bis-sabar ta' bniedem li għax fl-imħabba u l-barka tas-Sema, li ħabb lil niesu, u fuq kollox, 'l ommu l-għażiża, il-martu, 'l uliedu, lil għajru. "Jiena ma nibżax mill-mewt"; semgħuh igħid fl-aħħar; "jiena lest biex nilqagħha. M'għandix indiema ta' ħajti; ħdimt għad-dar, ħdimt għal pajjiżi. Għext ta' galantom u sa mmut ta' raġel!" Hekk miet Temi Zammit.

15. XII. 35. A. CREMONA

# TIFKIRIET TA' SIR TEMI

Rajtek darba, u bqajt ħiftakrek! Ma kont qatt rajtek qabel dik il-għodwa; anqas ismek ma kont nagħraf. Kont għadni fi żmien tfuliti, u f'jum ta' niket, għadni narak f'belti tikkumpanja lil żagħżugħ, bħalek, minn pajjiżi, b'demgħa nieżla fuq ħaddejk u tneħida ħierġa minn qalbek. Imsejken Lawrenzu, kemm kien twajjeb u dehni! Inqered bikri, bħal warda ta' Mejju milquta minn riefnu, li ħin bla waqt jaħsadha miz-zokk, iħarbtilha l-weraq, jiċħadha minn fweħitha u jisirqilha l-ħmura ta' lewnha. Int bkejtu lil ħabibek għax kont taf xi jsarraf, u x'baħar wasa' kien hemm miftuħ għalih, għalli ġej, għax milli intbaħt allura, u milli sirt naf, wara li għaraftek, marrara qatt ma trabbietlek f'qalbek. Inti f'dak iż-żagħżugħ ilmaħt telfa u telfa kbira għal art twelidek, u tħassart lilu u flimkien miegħu l-werrieta ta' ġidu—ta' ġidu mhux tal-flus qarrieqa, iżda ta' dak li ma għandux prezz, il-għerf u d-dehen.

Minn dak iż-żmien, il quddiem, bla ma naf min kont int, niltaqa' miegħek ħdejn il-bieb il-kbir ta'l-Università, dieħel biex tgħallem, ma nafx jekk liġi jew mediċina. Jien biss bqajt nafek, mingħajr ma tafni; u bla ma naf x'jismek. Fil-persuna tiegħek ma kenitx timponi, għax qsajjar, anqas wiċċek ma kien bħal dak li sawwar Canova: iżda wiċċ ta' Malti, li jissejjaħ: *tipiku*; iżda ma nafx għaliex, ħassejt ġo fija xi qawwa li tiġbidni lejk, u dejjem għoġobtni. Ħaġa tassew kurjuża, li xi daqqiet mingħajr ma tkun trid, ma' xi wħud li qatt ma kellimtom, tħoss donnok x'jitfgħek lura minnhom u tgħid: kemm huma mqat! Għaliex? għal xejn. Iżda fuqek qatt ma għidt hekk. Biss malli rajtek, ħabbejtek.

*
* *

Għadda ż-żmien, snin, għexieren, u l-fama ta' Temi bdiet tinxtered u tinfirex mal-Gżira, bħal xita bnina, li tbexxex mill-majjistral. "Temi, jew il-Profs, hu mill-aħjar li għandna fl-Università", kont nisma' l-istudenti jtennu. Temi, sab il-*Micrococcus Melitensis*... Temi, sar Rettur ta' l-Università, u billi kull meta kien ikun hemm xi kunferenza fl-*Aula Magna*, kont inħobb immur nismagħha, kont ukoll nitgħaxxaq bil-ftit kliem li r-Rettur kien jgħid, bħala daħla. Mhux il-għaliex kien jagħmel xi wirja ta' għerf kbir, meta jitħaddet bl-ingliż jew bit-taljan, iżda għax it-taħditiet tiegħu kienu jolqtu dejjem il-likk, u igħid li kellu jgħid, bla ma jinkeda, bla fjuri, bla għażla ta' kliem ilellex, bla tqanżiħ u bla tifħir mhux f'ħinu. *L'uomo è il suo stile.* Ġwejjed, igħid is-sewwa, il-ħaqq, mingħajr ma jrid juri kburitu. U dan kien, li ġibed lejh l-imħabba u s-

simpatija tal-ġewwenin u iżjed, tal-barranin, li fuqu xerrdu unuri u ftaħir mhux komuni, fil-kotba ta' pajjiżi mbiegħda. Saħansitra lilu mal-foħrija, kienet mogħtija wkoll il-lawrja ta' l-Università ta' Oxford, lawrja li ma tinxtarax la bil-flus u lanqas bil-favuri; iżda li tingħata biss lil min jistħoqqlu. Għalhekk b'ġieħ tiegħu u ta' pajjiżu, kien magħruf minn l-aħjar għorrief ta' l-Ewropa. Il-vjaġġi li għamel u l-qagħda tiegħu filqalba ta' l-Imperu, ġagħluh ineħħi il-ftit xkiel li kien baqagħlu, imħawwel f'moħħu minn Professuri barranin, meta kien għadu żagħżugħ, u ta ruħu u ġismu għax-xandir tal-Malti u tal-Ingliż, b'kotba li huwa kiteb mimlijin b'għerf u b'tagħlim. Il-ħidma tiegħu fil-kxif ta' fdal taż-żmenijiet qodma kienet bla mistrieħ; u rnexxielu mill-għammieq tal-art, isib l-Ipogew ta' Ħal Saflieni, il-Maqdes ta' Ħal-Tarxien, Għar Dalam eċċ. li b'riħet dawn il-kixfiet, il-Gżira tagħna ġiet iżjed mogħnija u magħrufa u miżjura mill-Għorrief u Arkjoloġi tad-Dinja. Din ilħidma, flimkien max-xogħol tiegħu bħala Analitiku mill-aħjar, u bħala benefattur kbir ta' pajjiżu, qanqlu r-rieda tal-qawwi Sultan u Imperatur Ġorġ V biex żejnu b'dekorazzjoni, minn bosta mixtieqa ta' Kt: C.M.G. li jġġib magħha l-jedd li jissejjaħ Sir Themistocles.

Mela, Sir Themistocles kien, fil-ħsebijiet tiegħu, l-ewwelnett Malti, u wara suddditu leali tal-kbir Imperu, li minnu qala' unuri kbar, u rispett u qima. Kien jonqos minn irġulitu kieku kien jaħseb xort'oħra, jew juri ħaġa b'oħra! F'dawn il-jiem, xi ħadd kiteb li Sir Themistocles, ma baqax iżomm il-prinċipji li kellu f'żgħożitu, u meta kiber tbiddel, u ħa xejra oħra filpulitka. Min qal dan, aktarx qalu, għax ma baqax jikteb poeżiji bit-taljan, iżda ta ruħu u ġismu għal-letteratura maltija. Iżda min hekk kiteb, qatt ma ġieh taħt għajnejh dak li S. Pawl mar igħid: "Meta kont żagħżugħ, ta' żagħżugħ kont naħseb u nitkellem, iżda, meta sirt raġel warrabt u armejt il-bluha ta' tfuliti." Bħal Temi kont naħseb ukoll, jien f'żgħoriti; iżda issa tbiddilt bħal lejl min-nhar. Kieku li Santu Wistin ma biddilx ħsebijiet żgħożitu, kieku l-Knisja kienet titlef, dik ix-Xemx ta' Għerf, il-Martell tal-Ereżiji, u l-għaġeb tal-Għorrief, u d-Duttur tad-Dutturi. Jekk għalhekk Sir Themistocles tbiddel, meta ġie f'sessieh mill-ħsebijiet tiegħu ta' qabel, hu biddilhom, għax għaraf, ta' għaref li kien, wara li s-saħna taż-żgħożija birditlu jew għabet, għaraf li qabel ma kellux f'moħħu għajr ftit bżieżaq tas-sapun. Għalhekk iċ-ċanfir tal-boloh, hu ftaħir tad-dehni.

*
* * *

Sirt nafu fl-aħħar jiem ta' ħajtu, minn xi sentejn 'il hawn. Meta rani u kellimni, ħabbni u stmani, għarbilni u flieni millquċċata ta' rasi sa għarqubi... Ma ngħidx x'qalli... iżda milli smajtu jgħidli nista' ngħid ma' San Pawl: Nixtieq li ħadd ma

jaħseb fuqi iżjed milli jien tassew niswa. Bla ma jistħoqqli, ħassejt wiċċi jiħmar...hu xin hu, minn dak in-nhar, il-bieb tal-Uffiċċju tiegħu kien miftuħ għalija, kull meta jfittilli, kont nidħol mingħajr ma nħabbat, u dejjem insibu b'xi ċaqqufa f'idu: Issa qiegħed idomm xi bieqja, issa xi magħġna... issa janalizza xi ċaqqufa u issa oħra; insomma, il-ħajja tiegħu kienet xogħol bla mistrieħ, medhi dejjem fil-kxif ta' ħwejjeġ tal-Arkjoloġija, u miet fuq xogħlu, bħal ma jgħidu l-Ingliżi: *in harness.* Iżda bħal Orazju jista' jtenni: *Non omnis moriar.* Ma mittx għal kollox u għal dejjem, il-għaliex ix-xogħol li għamilt f'ħajti jibqa' wara mewti, xhieda, monument aqwa mill-bronż *aere perennius* għax ma jintemm qatt. Min jaqra li ktibt, min jara l-għaġeb tal-qedem li sab, ma jistax ma jgħidx li Sir Temi Zammit ma kienx tassew wieħed mill-ulied kbar ta' Malta.

Kan. Ġwann M. Farrugia.

Is-27 ta' Novembru 1935.

# KOTBA BIL-MALTI

## miktubin minn Sir Temi Zammit

BL-ORTOGRAFIJA TAL-GĦAQDA.

*Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom,* pp. 167, The Empire Press, 1925.

*Tas-Sliema u San Ġiljan* pp. 40, The Empire Press, 1930.

*L-ewwel għajnuna lil min ikorri,* pp. 244, The Empire Press, 1934.

*Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom,* (maħruġ it-tieni darba) pp. 167, The Empire Press, 1934.

*Ġabra ta' kitba,* l-ewwel ktieb, pp. 32, The Empire Press, 1935.

Barra minn dawn kiteb 66 artikolu fi IL-MALTI fuq storja, tagħlim, novelli u xi poeżija li kien beda jiġborhom u joħroġhom f'kotba żgħar; u 6 artikoli f'LEHEN IL-MALTI.

---

DAN IL KTIEB JINBIEGH 2d
MINN GHAND AQUILINA U SCIORTINO TAL-KOTBA